PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

10.8.2007 PE 392.091v01-00

EMENDI 62-124

Abbozz ta' rapport **(PE 388.360v02-00)**
Henrik Lax
Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi

Proposta għal regolament (COM(2006)0403 – C6-0254/2006 – 2006/0142(COD))

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 62
Premessa 5 a (ġdida)

	(5a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kemm jista' jkun jipprovdu assistenza lill-applikanti meta l-proċedura ta' applikazzjoni għall-viża tkun trid tiġi ffaċilitata. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-applikanti li l-post ta' residenza tagħhom jinsab f'distanza kunsiderevoli mill-post konsulari li jkun qed jittratta t-talba tagħhom. Il-post konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli għandu jipprova jsib mezz biex kemm jista' jkun l-applikanti jinqdew f'post wieħed għall-proċeduri meħtieġa. L-Istati Membri jistgħu, fil-kuntest tal-kooperazzjoni konsulari lokali, jidderogaw mill-prinċipju tad-"destinazzjoni ewlenija" sakemm deroga bħal din tkun prattikabbli u fl-

interess kemm tal-postijiet konsulari kkonċernati u ta' l-applikanti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-premessa tipprova tintroduċi ideat ġodda biex tiġi ffaċilitata politika tal-viża għall-applikanti mingħajr ma titneħħa l-proċedura eżistenti dwar liema Stat Membru huwa responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għall-viża.

Emenda mressqa minn Kinga Gál

Emenda 63
Premessa 8

(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra ***u biex isaħħu d-demokrazija u s-soċjetà ċivili,*** jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fdan ir-Regolament. ***Il-faċilitazzjoni tal-viża tista' tinkludi, fost affarijiet oħra, tnaqqis jew eżenzjoni mill-ispejjeż tal-viża, faċilitazzjoni f'partijiet mill-proċedura tal-viża u użu aktar frekwenti ta' viżi għal dħul multiplu b'perjodu twil ta' validità. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni bikrija u ċara lill-Parlament Ewropew dwar dawn il-ftehimiet bilaterali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' l-iffaċilitar tal-viża huwa wkoll li jsaħħaħ id-demokrazija u s-soċjetà ċivili bl-għajnuna ta' iżjed skambji u moviment bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi kkonċernati.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 64
Premessa 10 a (ġdida)

(10a) L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-entitajiet kummerċjali kollha involuti fil-forniment ta' servizzi marbuta direttament jew indirettament ma' applikazzjonijiet għall-viża biex jikkunsidraw bis-serjetà l-bżonnijiet ta' l-applikant. L-Istati Membri u l-entitajiet kummerċjali għandhom jiżguraw li kull rewiżit impost fuq l-applikanti jkun proporzjonat u oġġettiv.

Or. en

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 65
Premessa 11 a (ġdida)

(11a) Linji gwida dettaljati rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament u l-kwistjoni tal-kooperazzjoni konsulari lokali għandhom jinkludu rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti dwar kif għandhom jiġu sfruttati u użati teknoloġiji ġodda bħall-internet għal intervisti mill-bogħod, eċċ., sabiex il-proċedura ta' l-applikazzjoni għall-viża tiġi ffaċilitata għall-applikanti kollha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li niżguraw koerenza u evalwazzjoni kontinwa dwar kwistjonijiet importanti marbuta mal-politika Komunitarja tal-viża bħall-internet u l-użu ta' teknoloġiji ġodda.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 66
Artikolu 4 Paragrafu 2

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, ***legalment preżenti f'pajjiż terz differenti mill-pajjiż***	2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, ***f'każijiet eċċezzjonali ġustifikati,*** l-applikazzjonijiet ***għal viża*** jistgħu jiġu ppreżentati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi ***(p.e. għal raġunijiet***

tar-residenza tagħhom f'dak il-pajjiż terz. Dawn l-applikanti għandhom jipprovdu ġustifikazzjoni, sabiex jippreżentaw l-applikazzjoni f'dak il-pajjiż u ma jrid ikun hemm l-ebda dubju dwar l-intenzjoni ta' l-applikant li jirritorna lejn il-pajjiż tar-residenza.	***umanitarji)***, f'pajjiż terz ***ieħor***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

M'għandux jiddependi mil-liġi tal-pajjiż terz ikkonċernat jekk l-applikant li jitlob għal viża, pereżempju għal raġunijiet umanitarji, huwiex meqjus bħala legalment residenti f'dak il-pajjiż. Għandu jitħalla f'idejn il-konsulat ta' l-Istat Membru jekk jistax joħroġ viża bħal din.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 67
Artikolu 4 paragrafu 2 l-aħħar subparagrafu

2. F'dak il-każ, ***il-missjoni*** diplomatika ***jew il-post konsulari li tinsab fil-pajjiż*** tar-residenza ta' l-applikant ***jew l-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li joħroġ il-viża jistgħu jkunu konsultati*** .	2. F'dak il-każ, ***bħala regola, għandha tinkiseb l-approvazzjoni tal-missjoni*** diplomatika ***responsabbli għall-pajjiż*** tar-residenza ta' l-applikant***, qabel ma tinħareġ il-viża***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-konsultazzjoni għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni, peress li l-missjoni diplomatika jew il-konsulat fil-pajjiż ta' residenza normalment tkun f'pożizzjoni aħjar biex tiġġudika r-rieda ta' l-applikant li jirritorna lura mill-pajjiż ikkonċernat, tkun infurmata aħjar dwar il-kundizzjonijiet lokali, u għalhekk tkun tista' tevalwa aħjar l-applikazzjoni.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 68
Artikolu 5 paragrafu 1 a

(a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-unika destinazzjoni jew id-	(a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab l-unika destinazzjoni jew id-destinazzjoni ewlenija taż-żjara***. il-missjoni***

destinazzjoni ewlenija taż-żjara, jew	***diplomatika jew il-post konsulari għandha tiddetermina l-pajjiż fejn tinsab id-destinazzjoni prinċipali skond il-kriterji ta' destinazzjonijiet individwali, rotot u tul taż-żjara, fuq il-bażi ta' dokumenti ta' prova.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni: Għandu jiġi definit min fl-aħħar mill-aħħar jiddetermina d-destinazzjoni prinċipali. Ara wkoll ir-regolamenti tas-CCI attwali.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 69
Artikolu 5 paragrafu 1 b

(b) ***jekk l-Istat*** Membru ***tad-destinazzjoni ewlenija ma jistax jiġi determinat,*** il-missjoni diplomatika ***jew il-post konsulari ta'*** l-Istat Membru ***li d-detentur tal-viża jaqsam il-fruntiera esterna tiegħu biex jidħol fit-territorju ta' l-Istati Membri***.	(b) ***il-missjoni diplomatika ta' Stat ieħor li jirrappreżenta Stat*** Membru ***definit bħala destinazzjoni, skond ftehim taħt l-Artikolu 7 (2a) (ġdid), jekk*** il-missjoni diplomatika ***ta' dan*** l-Istat Membru ***tista' tintlaħaq biss bi sforz sproporzjonat mill-post ta' residenza normali ta' l-applikant***. ***Id-deċiżjoni dwar jekk il-missjoni, u liema missjoni diplomatika, tistax tintlaħaq biss bis-saħħa ta' sforz sproporzjonat, għandha tittieħed fuq il-post għall-pajjiżi ospitanti rispettivi fil-qafas tal-kooperazzjoni konsulari. Din l-informazzjoni, flimkien ma' l-informazzjoni dwar liema Stati Membri kkonkludew ftehimiet ta' rappreżentanza skond l-Artikolu 7 (2), għandha tiġi ppubblikata.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li l-applikant jingħata alternattiva jekk il-vjaġġ għall-missjoni diplomatika jew għall-konsulat ta' l-Istat Membru ta' destinazzjoni jkun diffiċli minħabba raġunijiet ta' spejjeż jew distanza, u għalhekk dan jirrappreżenta ostakolu għall-applikazzjoni tiegħu.

Id-deċiżjoni dwar jekk dan jinvolvix sforz sproporzjonat tvarja sew minn pajjiż għal ieħor u tista' għalhekk tittieħed fuq il-post.

Għal raġunijiet ta' trasparenza u biex tiġi ssimplifikata l-applikazzjoni, din l-informazzjoni għandha ssir pubblika.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 70
Artikolu 5 a (ġdid)

Artikolu 5a

Mġiba ta' l-istaff waqt l-ipproċessar ta' applikazzjoni

L-istaff tal-missjoni diplomatika jew tal-post konsulari responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjoni għal viża għal waqfa qasira għandu, fil-qadi ta' l-obbligi tiegħu, jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem.
Kull miżura li tittieħed fil-qadi ta' l-obbligi tiegħu għandha tkun proporzjonata ma' l-objettivi li miżuri bħal dawn ikunu jridu jilħqu.
Waqt li jkunu qed jipproċessaw applikazzjoni, il-membri ta' l-istaff konsulari m'għandhomx jiddiskriminaw kontra persuni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tintroduċi l-idea ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni bħala prinċipju essenzjali fl-Unjoni Ewropea u wieħed li għandu jiġi rispettat meta jiġi kkunsidrat kodiċi Komunitarju ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-viżi.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 71
Artikolu 7 paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Fejn il-vjaġġ għall-missjoni diplomatika jew għall-post konsulari ta' Stat Membru jinvolvi sforz sproporzjonat, dak l-Istat Membru għandu jikkonkludi ftehim ta' rappreżentanza ma' Stat Membru

	ieħor li l-missjoni diplomatika jew il-post konsulari tiegħu huma aktar aċċessibbli.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Biex l-applikanti jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-Artikolu 5(1b), huwa neċessarju li l-Istati Membri jkunu laħqu ftehim ta' rappreżentanza għal dan il-għan.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 72
Artikolu 7 Paragrafu 3

3. L-Istat Membru rrappreżentat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar arranġamenti ġodda dwar ir-rappreżentanza jew it-tmiem ta' dawn l-arranġamenti ***mhux aktar tard minn*** tliet xhur qabel ma jidħol fis-seħħ jew jintemm il-ftehim.	3. L-Istat Membru rrappreżentat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar arranġamenti ġodda dwar ir-rappreżentanza jew it-tmiem ta' dawn l-arranġamenti ***possibilment*** tliet xhur qabel ma jidħol fis-seħħ jew jintemm il-ftehim.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fl-interess kemm ta' l-Istati Membri u ta' applikanti, l-arranġamenti ta' rappreżentanza fi żmien qasir jistgħu jkunu neċessarji.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 73
Artikolu 8 Paragrafu 2

2. Din il-konsultazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-iskadenza taż-żmien għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viża, stabbilti fl-Artikolu 20(1).	2. Din il-konsultazzjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-iskadenza taż-żmien għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viża, stabbilti fl-Artikolu 20(1). ***F'każijiet eċċezzjonali dan il-perjodu jista' jiġi estiż minħabba informazzjoni miksuba minn konsultazzjoni sabiex isiru aktar studji.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Waqt il-konsultazzjoni tista' tirriżulta informazzjoni li tirrendi neċessarja spjegazzjoni aktar dettaljata tas-sitwazzjoni.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 74
Artikolu 9 Paragrafu 2

2. L-awtoritajiet ċentrali kkonsultati għandhom jirreaġixxu fi żmien ***tlitt*** ijiem minn meta jirċievu t-talba. In-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet ikkonsultati f'dan it-terminu għandha titqies bħala awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet ċentrali li jikkonsultaw biex jippermettu lill-missjoni diplomatika jew lill-post konsulari tagħhom biex toħroġ il-viża.	2. L-awtoritajiet ċentrali kkonsultati għandhom jirreaġixxu fi żmien ***sebat*** ijiem minn meta jirċievu t-talba. In-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet ikkonsultati f'dan it-terminu għandha titqies bħala awtorizzazzjoni biex l-awtoritajiet ċentrali li jikkonsultaw biex jippermettu lill-missjoni diplomatika jew lill-post konsulari tagħhom biex toħroġ il-viża. ***Jekk aktar studji jirriżultaw neċessarji, dan il-perjodu jista' jiġi estiż f'każijiet individwali u b'ġustifikazzjoni għal massimu ta' 15-il jum ta' xogħol.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Waqt il-konsultazzjoni tista' tirriżulta informazzjoni li tirrendi neċessarja spjegazzjoni aktar dettaljata tas-sitwazzjoni u għalhekk ikun hemm bżonn ta' perjodu itwal ta' studju. Dan għandu jkun limitat għal każijiet individwali, iżda m'għandux jiġi eskluż għal kollox.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 75
Artikolu 10 Paragrafu 2

2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' intermedjarju. L-appuntament għandu jseħħ fi żmien ġimagħtejn.	2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' intermedjarju. L-appuntament***, bħala regola,*** għandu jseħħ fi żmien ġimagħtejn.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika, ir-regolament riġidu "fi żmien ġimagħtejn" ma jistax jinżamm, madankollu konklużjoni ta' malajr hija mixtieqa..

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 76
Artikolu 10 Paragrafu 4

4. Jekk l-informazzjoni provduta b'sostenn ta' l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-applikant għandu jkun informat dwar liema dokumentazzjoni addizzjonali hija meħtieġa. L-applikant għandu jkun mistieden jipprovdi l-informazzjoni/id-dokumentazzjoni addizzjonali fil-pront u għandu jiġi mgħarraf li wara xahar kalendarju wara d-data ta' din l-istedina, l-applikazzjoni se tkun iddikjarata inammissibbli jekk l-informazzjoni meħtieġa ma tiġix sottomessa.	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

B'mod partikolari fil-konsulati l-aktar mimlijin bix-xogħol, il-ħżin ta' dokumentazzjoni mhux kompluta twassal għal problemi loġistiċi kbar.

Il-proposta tal-Kummissjoni tonqos ukoll milli tagħmilha ċara jekk għandux isir ħlas għal applikazzjoni mhux kompluta li tiġi "ffajljata".

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 77
Artikolu 11

Artikolu 11	***imħassar***
Il-qbid tad-data bijometrika	
1. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-identifikaturi bijometriċi li jinkludu l-immaġni tal-wiċċ u għaxar marki tas-	

swaba' mill-applikant skond is-salvagwardji stabbiliti fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

Fil-mument tas-sottomissjoni ta' l-ewwel applikazzjoni għal viża tiegħu/tagħha, kull applicant għandu jkun meħtieġ jidher personalment. F'dak il-ħin għandhom jinġabru l-identifikaturi bijometriċi li ġejjin:

a) ritratt, skanjat jew meħud fi żmien l-applikazzjoni

b) għaxar marki tas-swaba' meħuda ċatti u b'mezzi diġitali.

2. Għal kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti l-identifikaturi bijometriċi għandhom jiġu kkupjati mill-ewwel applikazzjoni, jekk l-aħħar dħul ma jkunx aktar antik minn 48 xahar. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala "l-ewwel applikazzjoni".

3. Ir-rekwiżiti tekniċi għar-ritratt u għall-marki tas-swaba'għandhom ikunu skond l-istandards internazzjonali kif stabbiliti fid-dokument ta' l-ICAO 9303, il-parti 1 (il-passaporti), is-sitt edizzjoni.

4. L-identifikaturi bijometriċi għandhom jew jittieħdu minn impjegati kwalifikati u awtorizzati b'mod xieraq tal-missjoni diplomatika jew tal-post konsulari jew, taħt is-superviżjoni tagħhom, mill-fornitur tas-servizzi estern imsemmi fl-Artikolu 37 (1)(c).

Id-data għandha tiddaħħal fis-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) biss minn impjegati konsulari awtorizzati b'mod xieraq skond l-Artikolu 4(1), l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6(5) u (6) tar-Regolament dwar il-VIS.

5. L-applikanti li ġejjin għandhom ikunu eżenti mir-rekwiżit li jagħtu l-marki tas-

swaba':

(a) It-tfal li għandhom inqas minn 6 snin;

(b) Il-persuni li għalihom huwa impossibbli li jitteħdulhom il-marki tas-swaba'. Madankollu, jekk huwa possibbli t-teħid tal-marki ta' inqas minn għaxart iswaba', għandu jittieħed in-numru rispettiv tal-marki tas-swaba'.

Stat Membru jista' jipprovdi għall-eċċezzjonijiet mir-rekwiżit tal-ġbir ta' l-identifikaturi bijometriċi għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi, passaporti tas-servizz/uffiċjali u passaporti speċjali.

F'kull wieħed minn dawn il-każijiet għandu jkun introdott annotament "mhux applikabbli" fil-VIS.

6. Għal kull lokalità, l-Istati Membri għandhom jgħammru l-uffiċju konsulari tagħhom bil-materjal meħtieġ għall-qbid/ġbir ta' l-identifikaturi bijometriċi jew, mingħajr preġudizzju għall-għażliet tar-rappreżentanza provduti fl-Artikolu 7, jiddeċiedi li juża waħda mill-forom ta' kooperazzjoni deskritti fl-Artikolu 37.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-kollezzjoni ta' data bijometrika u għall-formoli ta' kooperazzjoni konsulari huma regolati mill-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI) kif emendati. Dan is-suġġett, għalhekk, għandu jiġi ttrattat f'dan il-qafas biss, sabiex tiġi evitata kull kwistjoni possibbli.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 78
Premessa 11 a (ġdida)

Artikolu 11a

Intervista personali

1. Bħala regola ġenerali, l-applikant għandu jagħti prova lill-missjoni

diplomatika jew lill-post konsulari, permezz ta' intervista personali, li l-kriterji għall-ħruġ ta' viża, ġew sodisfatti. Eżenzjoni mir-rekwiżit li l-persuna tidher persolment fil-missjoni diplomatika tista' tingħata biss fil-każijiet li jirreferi għalihom il-paragrafu 1b u l-Artikolu 40. Dan għandu jkun mingħajr ħsara għall-Artikolu 18(2).

2. Jekk ma jkun hemm l-ebda dubju fir-rigward tal-bona fide ta' l-applikant, tista' tingħata deroga f'każijiet individwali mill-ħtieġa għal intervista personali. Dan għandu jkun suġġett għall-forniment ta' garanzija min-naħa ta' l-applikant, fuq il-bażi tal-fatt jekk il-karattru tiegħu ikunx magħruf fil-missjoni diplomatika jew il-post konsulari, li ma jikkostitwixxix riskju dwar ir-rieda tiegħu li jirritorna, il-pussess ta' mezzi adegwati biex imantni ruħu u l-legalità ta' l-iskop taż-żjara tiegħu.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' l-intervista personali għandu jinżamm bħala element ewlieni ta' l-applikazzjoni tal-proċedura tal-viża, għax jekk jitwarrab, tkun intilfet biċċa għodda essenzjali ta' kontroll. Jekk ma tkunx prevista intervista personali jew jekk issir l-eċċezzjoni (Artikolu 18(2)), dan ikun ifisser li fir-rigward tas-CCI attwali ir-relazzjoni li hemm sa issa bejn ir-regola u l-eċċezzjoni tinqeleb. Jekk l-intervista personali tiżamm bħala regola, l-eċċezzjoni għandha tingħata lill-persuni li jivvjaġġaw bona fide.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 79
Artikolu 11 paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Fil-każ fejn tinħareġ viża mal-fruntiera esterna (Artikoli 32 u 33), id-data bijometrika għandha tingħabar mill-awtoritajiet responsabbli għall-kontroll tal-fruntiera u għandha tiddaħħal fil-VIS.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-applikanti li tinħarġilhom viża mal-fruntiera esterna għandha tingħabrilhom id-data bijometrika u tiġi rreġistrata fil-VIS, għaliex inkella jkun hemm nuqqas fis-sistema bijometrika ta' informazzjoni li tkun qed tistieden għall-abbuż. Inkella jkun hemm ir-riskju ta' nuqqas fis-sistema bijometrika li jkun qed jistieden għall-abbuż.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 80
Artikolu 12 paragrafu 1 b

(b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***trid*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih paġna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża;	(b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***għandha*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih paġna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża;

Or. de

Ġustifikazzjoni

Tagħti l-possibilità lill-awtorità li toħroġ il-viża ta' flessibilità ta' azzjoni fl-interess ta' l-applikant.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 81
Artikolu 13 paragrafu 3 a

(a) l-ilsien/ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru li għalih hija mitluba l-viża,	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandha tiġi eskluża sitwazzjoni fejn applikazzjoni għall-viża tkun disponibbli biss fil-lingwa/lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru u tista' timtela biss fiha. Dan għandu jkun possibbli anki fil-lingwa/ fil-lingwi uffiċjali ta' pajjiż ospitanti.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 82
Artikolu 13 Paragrafu 3 Subparagrafu 3

Jekk il-formola tkun disponibbli biss fl-ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru li jintalab joħroġ viża, traduzzjoni tal-formola ta' applikazzjoni fl-ilsien/ilsina tal-pajjiż ospitanti għandha tkun disponibbli separatament lill-applikanti għall-viża.	***imħassar***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 13 (3a).

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 83
Artikolu 13 Paragrafu 3 Subparagrafu 4

Traduzzjoni tal-formola ta' l-applikazzjoni fl-ilsien/ilsna uffiċjali tal-pajjiż ospitanti għandha ssir taħt l-arranġamenti ta' kooperazzjoni konsulari lokali.	***It-tfassil tal-formola ta' applikazzjoni fl-ilsien/fl-ilsna uffiċjali tal-pajjiż ospitanti għandu jsir taħt l-arranġamenti ta' kooperazzjoni konsulari lokali.***

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 84
Artikolu 13 Paragrafu 4

4. L-applikanti għandhom jiġu mgħarrfa *b'*liema lsien/ilsna *li* jistgħu *jintużaw* meta' jimlew il-formola ta' l-applikazzjoni.	4. L-applikanti għandhom jiġu mgħarrfa liema lsien/ilsna jistgħu *jużaw* meta' jimlew il-formola ta' l-applikazzjoni***: l-ilsien/l-ilsna uffiċjali tal-pajjiż ospitanti jew ukoll l-ilsien/l-ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru kkonċernat.***

Or. de

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 85
Artikolu 14, paragrafu 1, subparagrafu 2 a (ġdid)

L-applikanti m'għandhomx jintalbu jippreżentaw dokumenti dwar l-akkomodazzjoni jew stedina qabel ma japplikaw għall-viża jekk ikunu kapaċi jagħtu prova għal mezzi suffiċjenti ta' għajxien u għall-ispejjeż ta' akkomodazzjoni fi Stat jew fl-Istati ta' Schengen li jkunu bi ħsiebhom iżuru. Dan għandu jkun mingħajr ħsara għar-rekwiżit li jitlob li l-applikanti jkunu kapaċi jfornu lill-post konsulari b'dokumenti bħal dawn qabel ma jirċievu l-viża u mal-fruntiera esterna ta' l-UE jekk mitluba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tiżgura koerenza mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, li jippermetti lill-gwardjani tal-fruntiera jitolbu dokumenti mal-fruntieri esterni.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 86
Artikolu 15 Paragrafu 4

4. Fil-prinċipju, l-applikanti għandhom jagħmlu assigurazzjoni fl-Istat ta' residenza tagħhom. Fejn dan mhuwiex possibbli, ***għandhom jippruvaw jiksbu assigurazzjoni fi kwalunkwe pajjiż ieħor.***	4. Fil-prinċipju, l-applikanti għandhom jagħmlu assigurazzjoni fl-Istat ta' residenza tagħhom. Fejn dan mhuwiex possibbli, ***l-assigurazzjoni għandha ssir f'pajjiż ieħor***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni: L-assigurazzjoni hija prerekwiżit. Li semplicement "jippruvaw" mhuwiex biżżejjed.

Emenda mressqa minn Kinga Gál

Emenda 87
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (a)

(a) it-tfal li għandhom ***inqas minn 6 snin***;	(a) it-tfal li għandhom ***14-il sena jew inqas***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tfal normalment jivvjaġġaw mal-ġenituri tagħhom. Jekk familja tħallas tariffa separata tal-viża għat-tfal kollha, l-ispiża totali ta' l-applikazzjoni ssir sproporzjonata.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 88
Artikolu 16 paragrafu 4 a

a) it-tfal li għandhom inqas minn ***6 snin***;	(a) It-tfal li għandhom inqas minn ***14-il sena***;

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni tar-rapporteur. Barra minn hekk, il-limitu ta' età għandu jkun marbut ma' l-età għall-ġbir ta' data bijometrika, li fl-opinjoni tagħna – fuq il-bażi ta' esperjenza li saret qabel bid-data bijometrika (cf. Eurodac, US-VISIT system) – għandha tkun 14.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 89
Artikolu 16 paragrafu 4 a a (ġdid)

	a a) Jekk familja tkun qed tivvjaġġa b'aktar minn żewġt itfal minuri li mhumiex diġà eżenti mit-tariffa tal-viża bis-saħħa tal-paragrafu 4 (a), it-tariffa tal-viża għandha tiġi rrinunzjata għat-tfal l-oħra kollha.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Dan jgħin biex familji kbar jivvjaġġaw aktar faċilment jew f'ħafna każijiet issa jsir possibbli.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 90
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (b)

(b) it-tfal ta' l-iskola, l-istudenti, l-istudenti *postgraduate* u l-għalliema li jakkumpanjawhom li jagħmlu l-vjaġġi għall-għan ta' studju jew ta' taħriġ edukattiv ***jew għal turnew sportiv***; u	(b) it-tfal ta' l-iskola, l-istudenti, l-istudenti *postgraduate* u l-għalliema li jakkumpanjawhom li jagħmlu l-vjaġġi għall-għan ta' studju jew ta' taħriġ edukattiv ***jew għal turnew sportiv***; u

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiffaċilita l-vjaġġi transkonfinali għall-persuni involuti f'attivitajiet sportivi.

Emenda mressqa minn Kinga Gál

Emenda 91
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (c a) (ġdid)

	(ca) persuni li jifformaw parti minn minoranza tradizzjonali nazzjonali, li huma kapaċi jagħtu prova ta' relazzjonijiet kulturali, lingwistiċi, jew/u ta' parentela familjari fl-Istati Membru ta' destinazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-faċilitazzjoni tal-viża hija importanti meta jkunu jeżistu relazzjonijiet kulturali u lingwistiċi transkonfinali - bejn minoritajiet u l-istat relatat -, u l-familji jkunu separati u qed jgħixu fi Stat Membru u pajjiż ġar.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 92
Artikolu 16 paragrafu 4 a (ġdid)

4a. Fil-każ ta' applikazzjonijiet sussegwenti fis-sens ta' l-Artikolu 11(2), it-tariffa għall-ipproċessar għandha tkun nofs it-tariffa normali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Peress li d-data bijoetrika tiġi kkupjata mill-applikazzjoni preċedenti, dan jinvolvi anqas spejjeż. Barra minn hekk, dan isaħħaħ l-immaġni pożittiva ta' l-Unjoni Ewropea, li ġeneralment tilqa' ċittadini minn pajjiżi terzi.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 93
Artikolu 16, paragrafu 5

5. F'każijiet individwali, l-ammont tat-tariffa li għandu jiġi ċċarġjat jista' jkun rinunzjat jew imnaqqas skond il-liġi nazzjonali meta din il-miżura sservi biex tipprowmovi l-interessi kulturali ***u sportivi*** kif ukoll l-interessi fil-qasam tal-politika esterna, tal-politika ta' żvilupp, ta' oqsma oħrajn ta' interess pubbliku vitali jew għal raġunijiet umanitarji.	5. F'każijiet individwali, l-ammont tat-tariffa li għandu jiġi ċċarġjat jista' jkun rinunzjat jew imnaqqas skond il-liġi nazzjonali meta din il-miżura sservi biex tipprowmovi l-interessi kulturali ***u sportivi*** kif ukoll l-interessi fil-qasam tal-politika esterna, tal-politika ta' żvilupp, ta' oqsma oħrajn ta' interess pubbliku vitali jew għal raġunijiet umanitarji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiffaċilita l-vjaġġi transkonfinali għall-persuni involuti f'attivitajiet sportivi.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 94
Artikolu 16, paragrafu 8

8. It-tariffa ***tista'*** tkun irduppjata f'każijiet fejn l-applikazzjoni għal viża hija sottomessa mill-applikant għall-viża tlitt ijiem jew inqas qabel id-data prevista tat-tluq mingħajr ġustifikazzjoni ***sakemm ma' jkunx hemm ċirkostanzi li jtaffu l-gravità tal-każ***.	8. It-tariffa ***tista'*** tkun irduppjata f'każijiet fejn l-applikazzjoni għal viża hija sottomessa mill-applikant għall-viża tlitt ijiem jew inqas qabel id-data prevista tat-tluq mingħajr ġustifikazzjoni ***sakemm ma' jkunx hemm ċirkostanzi li jtaffu l-gravità tal-każ***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tintroduċi ftit flessibilità kemm għall-applikant u għas-servizzi konsulari meta l-viżi jiġu sottomessi qrib id-data tat-tluq.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 95
Artikolu 18 paragrafu 2a (ġdid)

	2a. Fejn ikun neċessarju li applikant jissejjaħ għal intervista skond il-paragrafu 2, għandu jkun hemm il-possibilità li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni fi proċedura li ssir f'post wieħed jekk il-missjoni diplomatika tkun imbiegħda ħafna mill-post ta' residenza normali ta' l-applikant jew jekk ikun hemm ċirkostanzi oħra li jirrendu l-vjaġġ partikolarment diffiċli. Id-deċiżjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet li huma spjegati fl-1 sentenza u għalhekk jekk il-proċedura li ssir f'post wieħed għandhiex tiġi applikata, għandha tittieħed taħt arranġamenti ta' kooperazzjoni konsulari lokali. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ara l-ġustifikazzjoni għall-Artikolu 18 (2a) (ġdida) (Emenda 28). Din l-informazzjoni għandha tkun pubblika minħabba raġunijiet ta' trasparenza u għas-simplifikazzjoni ta' l-applikazzjoni.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 96
Artikolu 19 a (ġdid)

Artikolu 19a

Notifikazzjoni ta' deċiżjoni u d-dritt ta' appell

L-applikanti għandhom ikunu informati b'deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tagħhom kemm jista' jkun malajr wara li jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn.

Kull applikant li ġie miċħud viża għandu jkollu d-dritt li jappella kontra deċiżjoni bħal din. Appell bħal dan m'għandux ikollu effett ta' sospensjoni.

L-applikanti li jiġu miċħuda viżi għandhom jiġu informati bil-miktub dwar id-dritt ta' appell kontra d-deċiżjoni.

F'każijiet fejn applikanti jeżerċitaw id-dritt ta' appell tagħhom, għandha ssir reviżjoni dettaljata tad-deċiżjoni u tar-raġunijiet li wasslu għaċ-ċaħda. L-applikant għandu jiġi informat bir-riżultati tar-reviżjoni kif ukoll għandu jingħata r-raġunijiet fid-dettall għaliex il-viża ġiet miċħuda.

F'każijiet fejn applikazzjoni ġiet meqjusa inammissibbli skond l-Artikolu 19, l-applikanti għandhom jingħataw l-opportunità li jipprovdu xhieda supplimentari bħala appoġġ għall-appell tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssaħħaħ l-idea ta' dritt ta' appell għall-applikanti li jiġu miċħuda viża. Dritt bħal dan huwa essenzjali jekk l-UE trid iżżomm u ssaħħaħ immaġini pożittiva ta' trasparenza u ġustizzja fil-proċeduri għall-viża.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 97
Artikolu 20 Paragrafu 3 Subparagrafu 1

3. ***Il-viżi bi dħul multiplu***, li jintitolaw lid-detentur għal diversi dħul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranżiti matul kwalunkwe nofs ta' sena***, jistgħu jinħarġu b'perjodu ta' validità ta' massimu ta' 5 snin***.	3. ***Lill-persuni li joffru l-garanziji neċessarji jistgħu jinħarġulhom viżi validi għal sena***, li jintitolaw lid-detentur għal diversi dħul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranżiti matul kwalunkwe nofs ta' sena ***(viżi bi dħul multiplu)***. ***F'każijiet eċċezzjonali li jiġu ġġustifikati, viża bi dħul multiplu tista' tinħareġ b'perjodu ta' validità ta' aktar minn sena, sa massimu ta' 5 snin.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-ħruġ ta' viża bi dhul multiplu m'għandux ikun ħaġa awtomatika. Il-viżi bi dħul multiplu dejjem jinvolvu ammont akbar ta' riskju, u għalhekk għandhom jinħarġu f'każijiet speċjali u lil persuni li jistgħu jiġu fdati biss. Madankollu, il-possibilità li tinħareġ viża bi dħul multiplu valida għal ħames snin għandha tinżamm, għalkemm għandha titħalla għal każijiet eċċezzjonali (ara l-emenda għall-Artikolu 20(3) (ġdid).

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 98
Artikolu 20 paragrafu 3 subparagrafu 2 a

(a) il-bżonn ta' l-applikant li jivvjaġġa ta' spiss u/jew regolarment minħabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti uffiċjali regolari ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara***,***	(a) il-bżonn ta' l-applikant li jivvjaġġa ta' spiss u/jew regolarment minħabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti uffiċjali regolari ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara ***u***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni. Iż-żewġ kriterji għandhom ikunu sodisfatti: Kemm l-affidabilità u x-xewqa ta' viża bi dħul multiplu.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 99
Artikolu 20 paragrafu 3 subparagrafu 2 b

(b) l-integrità u l-kredibilità ta' l-applikant, ***b'mod partikolari l-użu legali tal-viżi ta' Schengen ta' qabel,*** is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu fil-pajjiż ta' l-oriġini l-intenzjoni ġenwina tiegħu li jirritorna f'dak il-pajjiż.	(b) l-integrità u l-kredibilità ta' l-applikant, is-sitwazzjoni ekonomika tiegħu fil-pajjiż ta' l-oriġini l-intenzjoni ġenwina tiegħu li jirritorna f'dak il-pajjiż. ***Id-deċiżjoni dwar dan il-punt, b'mod partikolari l-evalwazzjoni dwar jekk persuna għandhiex verament intenzjoni li tirritorna lejn il-pajjiż ta' oriġini, għandha tkun ibbażata fuq fatti li jistgħu jiġu ppruvati relatati mal-każ individwali, p.e. jekk l-użu ta' viżi ta' Schengen ta' qabel kienx konformi mal-liġi.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Id-deċiżjoni jekk persuna tistax tiġi fdata u jekk hijiex intenzjonata li tmur lura f'pajjiża hija waħda suġġettiva wara li tkun saret evalwazzjoni komprensiva. Iżda, biex jiġu evitati deċiżjonijiet arbitrarji, għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi u li jistgħu jiġu ppruvati u li huma relatati mal-każ individwali.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 100
Artikolu 21 paragrafu 1 introduzzjoni

1. Viża b'validità territorjali limitata (LTV - limited territorial validity) għandha tinħareġ eċċezzjonalment fil-każijiet li ġejjin:	***1. Fejn ma jiġux sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha għall-ħruġ ta' viża skond l-Artikolu 18, bħala regola ġenerali, il-viża għandha tiġi miċħuda. F'każijiet individwali viża b'validità territorjali limitata (LTV - limited territorial validity) tista' tinħareġ eċċezzjonalment fil-każijiet li ġejjin:***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni: Għandu jiġi żgurat li dawn il-viżi huma eċċezzjonali, peress li fin-nuqqas ta' kontrolli interni jkun kważi impossibbli li wieħed jikkontrolla kemm jiġi rrispettat il-limitu territorjali.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 101
Artikolu 21 Paragrafu 2

2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a) ***u*** (b) ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn.	2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a)***,*** (b) ***u (c)*** ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn. ***Fejn, fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istat Membru kkonsultat taħt il-proċedura preċedenti ta' konsultazjoni qajjem oġġezzjonijiet, l-Istat Membru kkonsultat għandu jiġi fornit bl-informazzzjoni relevanti fi żmien xieraq qabel ma' tinħareġ il-viża***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Anki fil-każ ta' l-Artikolu 5(1c) l-applikant fil-fatt m'għandux jivvjaġġa aktar fiż-żona ta' Schengen. Jekk is-servizzi ta' sikurezza jqajmu oġġezzjonijiet, għandu jkun possibbli li jsiru konsultazzjonijiet qabel il-ħruġ tal-viża.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 102
Artikolu 22 Paragrafu 1

1. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness VII, għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom viża għat-tranżitu fl-	1. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness VII ***Parti I***, għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom viża għat-

ajruport, meta jgħaddu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali ta' l-ajruporti li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri.	tranżitu fl-ajruport, meta jgħaddu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali ta' l-ajruporti li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri individwali jiġu effettwati b'mod differenti ħafna mit-tranżitu ta' l-ajruplani (l-ajruport ta' Frankfurt, pereżempju, huwa hub importanti). Barra minn hekk, it-tranżitu lejn ċerti ajruporti jinbidel malajr ħafna (ara d-dikjarazzjonijiet ta' dawk li jissejħu emigranti f'Ceuta u Melilla dwar ir-rotot ta' tranżitu u ta' dħul). Il-Parti 2 ġdida ta' l-Anness VII għandha (bħall-Part II ta' l-Anness 3 tas-CCI) tkun kapaċi tiġi emendata informalment, malajr u b'mod flessibbli minn kull Stat Membru individwalment (ara wkoll l-Art. 44(2) u l-Art. 47(3)).
Ir-regoli korrispondenti diġà eżistenti fis-CCI attwali (Anness 3, lista komuni (Parti 1) u l-lista individwali għal kull Stat Membru (Parti 2) għalhekk għandhom jinżammu.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 103
Artikolu 22 paragrafu 1 a (ġdid)

	1a. Iċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi inklużi fil-lista stabbilita fl-Anness VII Parti 2, għandhom ikunu meħtieġa li jkollhom viża għat-tranżitu fl-ajruport, meta jgħaddu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali ta' l-ajruporti li jinsabu fit-territorju ta' l-Istati Membri, li jagħmlu sinjali għal dan l-iskop f'dawn iż-żoni.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri jintlaqtu b'mod kompletament differenti mit-tranżitu fl-ajruporti, u l-influss f'ċerti ajruporti jinbidel malajr ħafna. Il-Parti 2 ta' l-Anness VII għandha (bħall-Part II ta' l-Anness 3 tas-CCI) tkun kapaċi tiġi emendata informalment, malajr u b'mod flessibbli minn kull Stat Membru individwalment (ara wkoll l-Art. 44(2) u l-Art. 47(3)). Ir-regoli korrispondenti diġà eżistenti fis-CCI attwali (Anness 3, lista komuni (Parti 1) u l-lista individwali għal kull Stat Membru (Parti 2) għalhekk għandhom jinżammu.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 104
Artikolu 22 paragrafu 2 a

(a) id-detenturi ta' viża uniformi għal waqfa qasira jew ta' viża għat-tranżitu maħruġa minn Stat Membru,	(a) id-detenturi ta' ***permess ta' residenza,*** viża uniformi għal waqfa qasira jew ta' viża għat-tranżitu maħruġa minn Stat Membru,

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għal skopijiet ta' koerenza mal-Konvenzjoni ta' Schengen (Art. 21(1).

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 105
Artikolu 23 Paragrafu 2

2. Id-deċiżjoni li tiddikjara r-raġunijiet preċiżi għar-rifjut għandha tingħata permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness IX. Din il-formola għandha tintuża wkoll meta l-viża tiġi rifjutata fuq il-fruntiera.	2) Id-deċiżjoni li tiddikjara r-raġunijiet preċiżi għar-rifjut għandha tingħata permezz tal-formola standard stabbilita fl-Anness IX. Din il-formola għandha tintuża wkoll meta l-viża tiġi rifjutata fuq il-fruntiera. ***Mhuwiex provvdut għal aktar dettalji minn dak li hemm stabbilit fl-Anness IX.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni: Mhuwiex provvdut għal aktar dettalji mill-informazzjoni mogħtija fl-Anness IX. Għaldaqstant, l-Anness IX huwa meqjus bħala eżawrjenti.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 106
Artikolu 24

Il-pussess ta' viża għal żjara qasira jew viża ta' tranżitu ***biss ma' tagħtix id-dritt*** għad-dħul b'mod awtomatiku.	Il-pussess ta' viża għal żjara qasira jew viża ta' tranżitu ***għandu jagħti d-dritt*** għad-dħul b'mod awtomatiku***, sakemm meta tasal mal-fruntiera esterna l-persuna li tivvjaġġa tkun konformi mar-rekwiżiti tar-***

Regolament (KE) 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) u sakemm ikun inħareġ allert fis-sistema SIS jew f'reġistru nazzjonali jew toħroġ informazzjoni ġdida li tagħti prova li l-applikazzjoni tal-viża saret b'qerq..

---

[1] ***ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk persuni jkunu fil-pussess ta' viża valida għal żjara qasira jew viża ta' tranżitu, ir-regola ġenerali għandha tkun li jkollhom id-dritt għad-dħul sakemm jissodisfaw il-kriterji eżistenti kif stabbiliti fil-leġiżlazzjoni ta' l-UE.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 107
Artikolu 31 Paragrafu 1

1. L-awtoritajiet tal-kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jiddeċiedu li jqassru t-tul ta' waqfa awtorizzata minn viża jekk jiġi stabbilit li d-detentur m'għandux mezzi xierqa ta' appoġġ għat-tul maħsub inizjalment tal-waqfa.	1. L-awtoritajiet tal-kontroll fuq il-fruntiera ***u l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti ta' l-Istati Membri*** jistgħu jiddeċiedu li jqassru t-tul ta' waqfa awtorizzata minn viża jekk jiġi stabbilit li d-detentur m'għandux mezzi xierqa ta' appoġġ għat-tul maħsub inizjalment tal-waqfa.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ġeneralment ma jkunux l-awtoritajiet ta' kontroll tal-fruntiera iżda l-awtoritajiet fuq il-post li jistabbilixxu dawn l-affarijiet, għalhekk għandhom ikunu kapaċi jqassru l-validità ta' viża fil-pajjiż stess.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 108
Artikolu 32 paragrafu 6a (ġdid)

6a. Id-dispożizzjonijiet dwar il-kollezzjoni ta' data bijometrika skond l-Artikolu 11 għandha tapplika kif xieraq, għalkemm id-data bijometrika għandha tingħabar mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-kontroll tal-fruntiera.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-applikanti li tinħarġilhom viża mal-fruntiera esterna għandha tingħabrilhom id-data bijometrika u tiġi rreġistrata fil-VIS; inkella jkun hemm ir-riskju ta' nuqqas fis-sistema bijometrika li jkun qed tistieden għall-abbuż.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 109
Artikolu 33 Paragrafu 3

3. Dan l-Artikolu għandu jgħodd mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32(3), (4) ***u*** (5).	3. Dan l-Artikolu għandu jgħodd mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 32(3), (4)***,*** (5) ***u 7***.

Or. de

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 110
Artikolu 37

Artikolu 37	***imħassar***
Il-forom ta' kooperazzjoni f'relazzjoni ma' l-irċevuta ta' l-applikazzjonijiet għal viża	
1. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu rwieħhom fil-forom ta' kooperazzjoni li ġejjin:	
a) "ko-lokalità": l-impjegati mill-postijiet	

diplomatiċi u mill-missjonijiet konsulari ta' Stat Membru wieħed jew aktar jipproċessaw l-applikazzjonijiet (inklużi l-identifikaturi bijometriċi) indirizzati lilhom fil-post konsulari u fil-missjoni konsulari ta' Stat Membru ieħor u jaqsmu t-tagħmir ta' dak l-Istat Membru. L-Istati Membri konċernati għandhom jaqblu dwar it-tul u l-kundizzjonijiet għat-tmiem tal-ko-lokalità kif ukoll dwar il-parti tat-tariffa amministrattiva li għandu jirċievi l-Istat Membru li qed jintuża l-post diplomatiku jew il-missjoni konsulari tiegħu.

b) "Ċentri Komuni għall-Applikazzjonijiet": l-impjegati ta' postijiet diplomatiċi u ta' missjonijiet konsulari ta' żewġ Stati Membri jew aktar huma ppuljati f'bini wieħed biex jirċievu l-applikazzjonijiet għal viża (inklużi l-identifikaturi bijometriċi) indirizzati lilhom. L-applikanti għandhom jiġu diretti lejn l-Istat Membru responsabbli mill-ipproċessar ta' l-applikazzjoni għal viża. L-Istati Membri għandhom jaqblu dwar it-tul u l-kundizzjonijiet għat-tmiem ta' din il-kooperazzjoni kif ukoll dwar il-qsim ta' l-ispejjeż fost l-Istati Membri parteċipanti. Stat Membru wieħed għandu jkun responsabbli mill-kuntratti f'relazzjoni mal-loġistika u r-relazzjonijiet diplomatiċi mal-pajjiż ospitanti.

c) Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni: fejn għal raġunijiet li jirrelataw mas-sitwazzjoni lokali tal-post konsulari mhuwiex xieraq li l-uffiċċju konsulari jkun mgħammar biex jaqbad/jiġbor l-identifikaturi bijometriċi jew biex jorganizza l-ko-lokalità jew Ċentru Komuni għall-Applikazzjonijiet, Stat Membru jew diversi Stati Membri b'mod konġunt jistgħu jikkooperaw ma' fornitur tas-servizzi estern għall-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet għal viża (inklużi l-identifikaturi bijometriċi).F'dan il-każ, l-Istati(i) Membru(i) konċernat(i) għandu(hom) jibqa'(jibqħu) responsabbli mill-konformità mar-regoli dwar il-

protezzjoni tad-data għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viża.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-kollezzjoni ta' data bijometrika u għall-formoli ta' kooperazzjoni konsulari huma regolati mill-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI) kif emendati. Dan is-suġġett, għalhekk, għandu jiġi ttrattat f'dan il-qafas biss, sabiex tiġi evitata kull kwistjoni possibbli.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 111
Artikolu 38

Artikolu 38	***imħassar***
c) It-tipi ta' kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni:	
1. Il-ko-operazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni għandha tieħu s-sura li ġejja:	
(a) il-fornitur tas-servizzi esterni jaġixxi bħala ċentru għas-sejħiet li jipprovdi informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal viża u huwa inkarigat mis-sistema ta' l-appuntamenti; u/jew,	
(b) il-fornitur tas-servizzi esterni jipprovdi l-informazzjoni ġenerali dwar ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għal viża, jiġbor l-applikazzjonijiet, id-dokumenti ta' appoġġ u d-data bijometrika mingħand l-applikanti għal viża u jiġbor it-tariffa amministrattiva (kif provdut fl-Artikolu 16) u jittrażmetti l-fajls u d-data kompluti lill-missjoni diplomatika jew lill-post konsulari ta' l-Istat Membru kompetenti għall-ipproċessar ta' l-applikazzjoni.	
2. L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu(hom) jagħżel(jagħżlu) fornitur tas-servizzi esterni li jista' jiżgura l-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzattivi kollha u l-	

miżuri xierqa tekniċi u organizzattivi kollha mitluba mill-Istat(i) Membru(i) sabiex iħares id-data personali kontra l-qerda aċċidentali jew kontra l-liġi jew it-telf aċċidentali, it-tibdil, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq netwerk kif ukoll l-irċevuta u t-trażmissjoni tal-fajls u d-data lill-post konsulari, u kontra l-forom l-oħra kollha kontra l-liġi ta' l-ipproċessar.

Meta jagħżlu l-fornituri tas-servizzi esterni, il-missjonijiet diplomatiċi jew il-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri għandhom jiskrutinaw is-solvenza u l-kredibilità tal-kumpanija (inklużi l-liċenzji meħtieġa, ir-reġistrazzjoni kummerċjali, l-istatuti tal-kumpanija, il-kuntratti tal-bank) u għandhom jiżguraw li mhemm l-ebda kunflitt ta' interessi.

3. Il-fornituri tas-servizzi esterni m'għandux ikollhom aċċess għall-VIS għal kwalunkwe skop. L-aċċess għall-VIS għandu jkun irriżervat esklużivament għall-impjegati tal-missjonijiet diplomatiċi jew tal-postijiet konsulari awtorizzati b'mod xieraq.

4. L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu(hom) jikkonkludi kuntratt mal-fornitur tas-servizzi esterni skond l-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46. Qabel ma tikkonkludi dan il-kuntratt, il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru konċernat, fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali għandha tgħarraf lill-missjonijiet diplomatiċi u lill-postijiet konsulari ta' Stati Membri oħrajn u lid-delegazzjoni tal-Kummissjoni għaliex il-kuntratt huwa meħtieġ.

5. Minbarra l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46, il-kuntratt għandu jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li:

(a) jiddefinixxu r-responsabbiltajiet eżatti tal-fornitur tas-servizzi;

(b) jeħtieġu li l-fornitur tas-servizzi jaġixxi

skond l-istruzzjonijiet ta' l-Istati Membri responsabbli u jipproċessa d-data biss għall-għanijiet ta' l-ipproċessar tad-data personali ta' l-applikazzjonijiet għal viża f'isem l-Istati Membri responsabbli f'konformità mad-Direttiva 95/46KE;

(c) jeħtieġu li l-fornitur tas-servizzi jipprovdi lill-applikanti bl-informazzjoni meħtieġa taħt ir-Regolament ……. [l-abbozz tar-Regolament dwar il-VIS];

(d) jipprovdu għal aċċess mill-impjegati konsulari għall-uffiċċju tal-fornitur tas-servizzi fil-ħinijiet kollha;

(e) jeħtieġu li l-fornitur tas-servizzi josserva r-regoli tal-kunfidenzjalità (inkluża l-protezzjoni tad-data miġbura f'relazzjoni għall-applikazzjonijiet għal viża);

(f) jinkludu klawżola ta' sospensjoni u ta' tmiem.

6. L-Istat(i) Membru(i) kkonċernati) għandu(hom) jimmonitorja(w) l-implimentazzjoni tal-kuntratt, inklużi:

(a) l-informazzjoni ġenerali provduta mill-fornitur tas-servizzi lill-applikanti għal viża;

(b) il-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzattivi u l-miżuri xierqa tekniċi u organizzattivi biex tiġi mħarsa d-data personali kontra kontra l-qerda aċċidentali jew kontra l-liġi jew it-telf aċċidentali, it-tibdil, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzat, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq netwerk, u kontra l-forom l-oħra kollha kontra l-liġi ta' l-ipproċessar kif ukoll l-irċevuta u t-trażmizzjoni tal-fajls u tad-data lill-post konsulari;

(c) il-qbid ta' l-identifikaturi bijometriċi;

(d) il-miżuri meħuda biex tiġi żgurata konformità mad-dispożizzjoni tal-protezzjoni tad-data.

7. L-ammont totali tat-tariffi ċċarġjati mill-fornitur tas-servizzi esterni għall-

ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viża m'għandux jeċċedi t-tariffa stabbilita fl-Artikolu 16.

8. L-impjegati konsulari ta' l-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandom iħarrġu lill-fornitur tas-servizzi, li jikkorrispondi għall-għarfien meħtieġ biex jiġu offruti servizz xieraq u informazzjoni suffiċjenti lill-applikanti għal viża.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-kollezzjoni ta' data bijometrika u għall-formoli ta' kooperazzjoni konsulari huma regolati mill-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI) kif emendati. Dan is-suġġett, għalhekk, għandu jiġi ttrattat f'dan il-qafas biss, sabiex tiġi evitata kull kwistjoni possibbli.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 112
Artikolu 38 paragrafu 1 (ġdid)

1. Il-ħtieġa li l-applikant jistabbilixxi li l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viża huma sodisfatti, eventwalment permezz ta' intervista personali mal-missjoni diplomatika kompetenti jew il-post konsulari, m'għandhiex tiġi effettwata (ara l-Artikolu 10(1a)).

Or. de

Ġustifikazzjoni

Ara l-Art. 10(1a) (ġdid):
Jekk ma tkunx prevista intervista personali jew jekk issir l-eċċezzjoni (Artikolu 18(2)), dan ikun ifisser li fir-rigward tas-CCI attwali ir-relazzjoni li hemm sa issa bejn ir-regola u l-eċċezzjoni tinqeleb. Il-prinċipju ta' l-intervista personali għandu jinżamm bħala element ewlieni ta' l-applikazzjoni tal-proċedura tal-viża, għax jekk jitwarrab, tkun intilfet biċċa għodda essenzjali ta' kontroll.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 113
Artikolu 38, paragrafu 2, subparagrafu 1

2. L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu(hom) jagħżel(jagħżlu) fornitur tas-servizzi esterni li jista' jiżgura l-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzattivi kollha u l-miżuri xierqa tekniċi u organizzattivi kollha mitluba mill-Istat(i) Membru(i) sabiex iħares id-data personali kontra l-qerda aċċidentali jew kontra l-liġi jew it-telf aċċidentali, it-tibdil, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq netwerk kif ukoll l-irċevuta u t-trażmissjoni tal-fajls u d-data lill-post konsulari, u kontra l-forom l-oħra kollha kontra l-liġi ta' l-ipproċessar.	2. L-Istat(i) Membru(i) konċernat(i) għandu(hom) jagħżel(jagħżlu) fornitur tas-servizzi esterni li jista' jiżgura l-miżuri tas-sigurtà tekniċi u organizzattivi kollha u l-miżuri xierqa tekniċi u organizzattivi kollha mitluba mill-Istat(i) Membru(i) sabiex iħares id-data personali kontra l-qerda aċċidentali jew kontra l-liġi jew it-telf aċċidentali, ***l-ikkupjar illegali,*** it-tibdil, l-iżvelar jew l-aċċess mhux awtorizzati, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar jinvolvi t-trażmissjoni tad-data fuq netwerk kif ukoll l-irċevuta u t-trażmissjoni tal-fajls u d-data lill-post konsulari, u kontra l-forom l-oħra kollha kontra l-liġi ta' l-ipproċessar.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li żżid mod ieħor biex jissalvagwardja l-protezzjoni tad-data personali taċ-ċittadini kontra l-ikkupjar illegali.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 114
Artikolu 40 paragrafu 1 a (ġdid)

	1a. L-irċevuta ta' applikazzjonijiet għall-viża permezz ta' aġenziji kummerċjali ma tħollx lill-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri mid-dmir li jeżaminaw bir-reqqa u b'mod indipendenti li l-kundizzjonijiet kollha għall-ħruġ ta' viża ġew sodisfatti skond l-Artikolu 18 f'kull każ individwali. F'każ ta' dubju jista' jkun meħtieġ li l-applikant jidher personalment fil-missjoni diplomatika jew post konsulari (Artikolu 18(2)).

Or. de

Ġustifikazzjoni

Għandu jiġi ċċarat li aġenziji kummerċjali ma jistgħux jieħdu deċiżjonijiet minn qabel dwar is-suċċess ta' applikazzjoni għall-viża.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 115
Artikolu 41 Intestatura

L-informazzjoni tal-pubbliku ġenerali	L-informazzjoni tal-pubbliku ġenerali ***u dwar il-ħruġ ta' viża***

Or. de

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 116
Artikolu 41 Paragrafu 2

2. L-Istat Membru li jirrappreżenta u l-Istat Membru rrappreżentat jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali dwar il-ftehimiet dwar arranġamenti kif previst fl-Artikolu 7 tliet xhur qabel ma dawn it-tipi ta' arranġamenti jidħlu fis-seħħ. Dan it-tagħrif għandu jkun *fiha d-dettalji* tal-kategoriji possibbli ta' l-applikanti li jridu japplikaw direttament f'missjoni diplomatika jew f'post konsulari ta' l-Istat Membru rrappreżentat.	2. L-Istat Membru li jirrappreżenta u l-Istat Membru rrappreżentat jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali dwar il-ftehimiet dwar arranġamenti kif previst fl-Artikolu 7 ***possibilment*** tliet xhur qabel ma dawn it-tipi ta' arranġamenti jidħlu fis-seħħ. Dan it-tagħrif għandu jkun *fiha d-dettalji* tal-kategoriji possibbli ta' l-applikanti li jridu japplikaw direttament f'missjoni diplomatika jew f'post konsulari ta' l-Istat Membru rrappreżentat.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fl-interess kemm ta' l-Istati Membri u ta' applikanti, l-arranġamenti ta' rappreżentanza fi żmien qasir jistgħu jkunu neċessarji. Imbagħad ma jkunx possibbli li tiġi pprovduta informazzjoni tliet xhur qabel.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 117
Artikolu 41 Paragrafu 4

4. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf bi skadenzi taż-żmien għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viża kif provdut fl-Artikolu 20(1). Ser ikun mgħarraf ukoll ukoll b'pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jew il-kategoriji speċifiċi tat-tali ċittadini huma soġġetti għall-konsultazzjoni minn qabel kif stabbilit fl-Annessi I u II.	4. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf bi skadenzi taż-żmien għall-eżami ta' l-applikazzjonijiet għal viża kif provdut fl-Artikolu 20(1). Ser ikun mgħarraf ukoll ukoll b'pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jew il-kategoriji speċifiċi tat-tali ċittadini huma soġġetti għall-konsultazzjoni minn qabel kif stabbilit fl-Annessi I u II. ***Madankollu, m'għandhiex tiġi ppubblikata informazzjoni dwar liema Stat Membru liema konsultazzjoni jkun jixtieq.***

Or. de

Justification

L-informazzjoni dwar konsultazzjoni possibbli jista' jkollha valur miżjud għall-applikant. Madankollu, informazzjoni dwar liema Stat Membru jixtieq konsultazzjoni dwar pajjiż terz partikolari ma tagħti l-ebda valur miżjud lill-applikant u tista' twassal għal pressjoni politika kunsiderevoli u kumplikazzjonijiet diplomatiċi bejn il-pajjiż ta' oriġini ta' l-applikant u l-Istat Membru ta' destinazzjoni.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 118
Artikolu 41 Paragrafu 6

6. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf li s-sempliċi pussess ta' viża ma jikkonferix dritt awtomatiku ta' dħul u li d-detenturi tal-viża jistgħu jintalbu jippreżentaw dokumenti ta' appoġġ fuq il-fruntiera.	6. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf li s-sempliċi pussess ta' viża ma jikkonferix dritt awtomatiku ta' dħul u li d-detenturi tal-viża jistgħu jintalbu jippreżentaw dokumenti ta' appoġġ fuq il-fruntiera. ***Fil-mument tal-ħruġ ta' viża d-detentur tal-viża għandu jiġi mfakkar espressament dwar dan bil-miktub.***

Or. de

Ġustifikazzjoni

Din l-informazzjoni hija importanti għad-detentur tal-viża b'mod partikolari, u għalhekk għandu jiġi mfakkar dwar dan espressamnent u bil-miktub.

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 119
Artikolu 41 Paragrafu 7

7. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf dwar ir-rata ta' kambju applikata mill-missjonijiet diplomatiċi u mill-postijiet konsulari ta' l-Istat Membru meta tiġi ċċarġjata t-tariffa amministrattiva f'munita lokali.	7. Il-pubbliku ġenerali għandu jkun mgħarraf ***dwar l-ammont tat-tariffa għall-ipproċessar fil-valuta uffiċjali nazzjonali tal-pajjiż ospitanti u kif ukoll*** dwar ir-rata ta' kambju applikata mill-missjonijiet diplomatiċi u mill-postijiet konsulari ta' l-Istat Membru meta tiġi ċċarġjata t-tariffa amministrattiva f'munita lokali.

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-ewwelnett huwa importanti li l-pubbliku jkun imgħarraf dwar kemm hi t-tariffa ta' l-ipproċessar.

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 120
Artikolu 42 paragrafu 1 l-aħħar subparagrafu

Jekk fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-punti (a) sa ***(d)***, l-evalwar fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali tikkonferma l-ħtieġa għal approċċ armonizzat lokali, miżuri dwar dan l-approċċ armonizzat għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 46(2).	Jekk fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-punti (a) sa ***(e)***, l-evalwar fi ħdan il-kooperazzjoni konsulari lokali tikkonferma l-ħtieġa għal approċċ armonizzat lokali, miżuri dwar dan l-approċċ armonizzat għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 46(2).

Or. de

Ġustifikazzjoni

L-emenda hija konsegwenza ta' l-Art. 42(1e).

Emenda mressqa minn Ewa Klamt

Emenda 121
Artikolu 42 paragrafu 1 e (ġdid)

e) proċedura uniformi biex jiġi ċċekkjat ir-ritorn, inklużi t-tip u t-tul ta' kontrolli bħal dawn (p.e. kontroll tal-karta ta' imbarkazzjoni, intervista personali, kontrolli għal għarrieda).

Or. de

Ġustifikazzjoni

F'lokalitajiet partikolari jistgħu jirriżultaw ċerti bżonnijiet prattiċi .

Emenda mressqa minn Sylvia-Yvonne Kaufmann

Emenda 122
Artikolu 42 Paragrafu 5 Subparagrafu 2

Fuq il-bażi ta’ dawn ir-rapporti ta’ kull xahar, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali f’kull ġuriżdizzjoni li għandu jkun sottomess lill-Kunsill.	Fuq il-bażi ta’ dawn ir-rapporti ta’ kull xahar, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport annwali f’kull ġuriżdizzjoni li għandu jkun sottomess lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew***.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Peress li l-proċedura ta' kodeċiżjoni tapplika hawnhekk, il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat dwar esperjenza 'prattika' fuq il-post l-istess bħall-Kunsill.

Emenda mressqa minn Michael Cashman

Emenda 123
Artikolu 42 a (ġdid)

Artikolu 42a

Il-valutazzjoni ta’ l-impatt

il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament,

tagħmel valutazzjoni ta' l-impatt ta' l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni konsulari lokali bejn l-Istati Membri rigward il-proċeduri tal-viża. Wara din il-valutazzjoni ta' l-impatt, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tipproponi bidliet għal dan ir-regolament. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kwistjonijiet ta' bijometrika u d-dispożizzjonijiet immirati biex jiffaċilitaw u jissimplifikaw il-proċedura tal-viża.

Or. en

Emenda mressqa minn Kathalijne Maria Buitenweg

Emenda 124
Artikolu 43 a (ġdid)

Artikolu 43a

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, b'konformità ma' l-Artikolu 251 tat-Trattat, għandhom jadottaw kull deċiżjoni li tikkonċerna ż-żmien u l-metodi użati għall-introduzzjoni ta' rekwiżiti għal identifikaturi bijometriċi għal dawk il-pajjiżi li saritilhom offerta għall-prospett ta' sħubija fl-UE permezz ta' negozjati ta' adeżjoni u għal dawk il-pajjiżi li huma suġġetti għal programmi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fl-ispirtu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u peress li l-Kodiċi tal-Viża għandu jimmira lejn simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-viża, l-adozzjoni ta' miżuri ġodda li jintroduċu identifikaturi bijometriċi fil-viżi għal ċittadini ta' pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programmi Ewropej tal-Viċinat u pajjiżi oħra b'kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' l-UE, għandha tiġi deċiża bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.